MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru. 133/2002

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
vs
Wayne Falzon

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Wayne Falzon, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 387585M li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’xii hin bejn l-14 u is-16 ta’ Frar, 2002 f’dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Alfa Romeo bin-numru tar-registrazzjoni IAT 638 ghad-detriment ta’ Michael Rosario Borg minn San Giljan, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li jeccedi l-LM 1000 u x-xorta tal-haga misruqa;

Talli fis-17 ta’ Frar, 2002 u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta’ pjanci bin-numri tar-registrazzjoni CAP 676 ghad-detriment tad-Direttur tal-

Licenzji u / jew ta' Carmen Spiteri mill-Belt Valletta, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-haga;

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe il-vettura u l-pjanci imsemmija fiz-zewg imputazzjonijiet precendenti, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' il-vettura Alfa Romeo bin-numri tar-registrazzjoni IAT 638, liema hsara ma tiskorrix il-LM50 izda hija izjed minn LM10, ghad-detriment ta' Michael Rosario Borg minn San Giljan;

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsuv ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz, billi wahhal set ta' number plates foloz (CAP 676) fuq vettura ta' l-ghamla Alfa Romeo (Numru tar-registrazzjoni IAT 638);

U talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' number plates foloz (CAP 676) fuq vettura ohra ta' l-ghamla Alfa Romeo (numru tar-registrazzjoni IAT 638);

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura u cioe' Alfa Romeo bin-numru tar-registrazzjoni IAT 638, minghajr licenzja tas-sewqan u meta ma kienx kopert b'polz ta' l-assigurazzjoni;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, timpedixxi lil imsemmi Wayne Falzon milli jkollu jew li jottjeni licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq;

Fl-ahhar nett talli sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 5 ta’ Frar, 2002, liema sentenza saret definittiva;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tas-26 ta’ Awissu, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) fl-artikoli 18, 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikoli 188, 183, 184, 185, 186 tal-Kodici Kriminali;
(e) fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali;
(f) fl-artikoli 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 u 3 (1) u 3 (2) tal-Kapitolu 104;

U semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-8 ta’ Jannar, 2004;

Semghet ukoll lill-Avukat difensur tal-imputat u lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjaraw illi l-vettura misruqa inghatat lura lil sidha u li d-derubat ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat u dan waqt is-seduta tat-8 ta’ Jannar, 2004;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha,

u dan wara illi rat l-Artikoli imsemmija fin-Nota ta' l-Avukat Generali tas-26 ta' Awissu, 2003;

Illi l-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena id-dikjarazzjoni li saret mill-Ufficjal Prosekutur bi qbil mal-Avukat difensur illi d-derubat ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat. Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-fedina penali tal-imputat hija relattivament netta peress illi huwa gie misjub hati ta' reat wiehed biss dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku u ikkunsidrat ukoll illi l-imputat kien minorenni fiz-zmien meta ikkommetta r-reat in kwistjoni u ghalhekk japplika l-Artikolu 37 tal-Kap. 9.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tikkundanna lill-imputat ghall-multa ta' hamsa u tletin lira (LM 35) u tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum, wara illi rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundannah ghall-prigunerija ta' sitt xhur sospiza ghal perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 G tal-Kap. 9 u qeghda taghmel ordni ta' supervizzjoni li permezz tieghu qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizzjoni ta' Ufficjal Sorverjanti ghall-perjodu ta' sena mil-lum. L-Ufficjal Sorverjanti ghandu jkun Ufficjal tal-Probation li ghandu jigi mahtur skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti tiddikjara li qeghda minnufih taghti kopja ta' din l-ordni lid-Direttur ghas-Servizzi Responsabbli ghall-Probation sabiex jigi mahtur l-Ufficjal tal-Probation kif imsemmi.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond l-Ligi jekk huwa ma joqghodx ghal kull ordni jew direzzjoni illi jaghtih l-Ufficjal Sorverjanti matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------